**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 43** **08 ta' Lulju, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 08 ta' Lulju fil-11:45 ta' filgħodu.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Reno Buġeja | - | Kunsillier |
| Matthew Buġeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier (onlajn) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Vanessa Galea - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **43.1** | **Qari ta’ Ittri ta’ Apoloġija** |
| 43.1.1 | F’din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija. Il-Kunsillier Daniel Zerafa segwa il-laqgha onlajn. |
| | |
| **43.2** | **Approvazzjoni tal-Applikazzjoni tal-Ġemellaġġ f’Zhoushan** |
| 43.2.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv qassmet kopji tal-applikazzjoni relatata mal-ġemellaġġ lill-Kunsilliera preżenti u informat lill-Kunsill li, peress li l-Kunsillier Daniel Zerafa kien qed jattendi l-laqgħa b'mod virtwali, kopja tal-applikazzjoni ntbagħtitlu wkoll permezz tal-posta elettronika sabiex ikun jista' jsegwi d-diskussjoni u jipparteċipa fil-votazzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja talab aktar dettalji dwar il-proposta, fosthom id-dati taż-żjara, min kien ser jattendi għaż-żjara uffiċjali u d-dati previsti taż-żjara tad-delegazzjoni minn Zhoushan. Is-Segretarju Eżekuttiv tat l-informazzjoni mitluba, inklużi d-dettalji dwar il-fondi disponibbli għall-ġemellaġ u l-ispejjeż stmati tat-titjiriet.<br><br>Sussegwentement, il-Kunsillier Matthew Bugeja qara l-applikazzjoni kollha quddiem il-Kunsill. Waqt il-qari ta' kull taqsima, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsilliera jindikaw jekk jaqblux mal-kontenut tal-applikazzjoni.<br><br>Il-Kunsilliera kollha esprimew il-qbil tagħhom mal-applikazzjoni kif ippreżentata u approvawha unanimament. |
| | |
| **43.3** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 43.3.1 | Il-laqgħa intemmet fin-12.30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 15 ta’ Lulju, 2026.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

_________________________ _________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Vanessa Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

_________________________ _________________________

***Proponent***

***Sekondant***